

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/530**tal-1 ta' April 2016****dwar miżura meħuda mill-Ġermanja skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' tip ta' ġeneratur tal-elettriku***(notifikata bid-dokument C(2016) 1779)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

- (1) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2006/42/KE, il-Ġermanja għarrfet lill-Kummissjoni b'miżura biex tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' installazzjoni ta' ġeneratur tal-elettriku tat-tip Rotenbach FO-65/LB2600 immanifatturat minn Zhejiang Lingben Machinery and Electronics Co. Ltd, iċ-Ċina u ddistribwit minn FRINGO GmbH & Co. KG, il-Ġermanja.
- (2) Din il-miżura ttieħdet minħabba nuqqas ta' konformità tal-ġeneratur tal-elettriku mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE.
- (3) It-Taqsim 1.5.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, li tikkonċerna l-provvista tal-elettriku, teħtieġ li l-makkinarju li jkollu provvista tal-elettriku, irid ikun iddisinnjat, mibni u mgħammar b'mod li r-riskji kollha ta' natura elettrika jkunu jistgħi jiġu evitati. Il-ġeneratur tal-elettriku kellu dawn in-nuqqasijiet:
 - Il-wajers mikxufa bejn is-swiċċ tal-ignixin u l-mekkaniżmu tal-ignixin tal-magna tal-petrol u l-batterija 12 V aċċessibbli b'mod liberaw jistgħu, f'każ ta' ħsara, jikkawżaw xokk elettriku jew nirien u jagħmlu shortcircuiting tal-batterija;
 - Minkejja li l-operating panel tas-sett ta' ġenerazzjoni kien kopert b'hawsing fuq in-naħa ta' wara, id-dħul tal-kejbil (il-kejbil tal-ġeneratur) u kiswa fil-hawsing ġew iddisinnjati b'tali mod li kien possibbli li jintlaħqu partijiet li fihom il-kurrent tal-konnessjonijiet 230 V tal-voltmetru u partijiet li fihom il-kurrent tas-sokit tal-elettriku heavy-duty;
 - Xi komponenti tal-control panel ma kinux jikkorrispondu għal-livell ta' protezzjoni IPX 3;
 - Bosta wajers ertjati kienu konnessi ma' konnessjoni terminali waħda kemm fuq is-sokit ta' 400 V kif ukoll fuq is-sokits ta' 230 V;
 - It-truf tal-wajers kienu miksjin bil-landa, u billi ma kienu hemm wire-end ferrules dan qajjem ir-riskju ta' xokk elettriku potenzjalment fatali f'każ meta l-utent imiss ma' parti ta' prodott b'vultaġġ għoli;
 - Minbarra l-wajer ertjat (b'kombinazzjoni ta' żewġ kuluri AĦDAR/ISFAR) l-ebda wajer ma seta' jiġi identifikat b'mod ċar. Ma kien hemm l-ebda pjan ta' konnessjoni li seta' jintuża biex il-wajers jiġu identifikati;
 - Il-kodiċi tal-kulur użat għal tipi differenti ta' kejbils ma jissodisfax ir-rekwiżiti.
- (4) It-Taqsim 1.7.3 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, dwar l-immarkar tal-makkinarju, teħtieġ li l-makkinarju jkun immarkat bid-dettalji minimi b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx. Il-ġeneratur tal-elettriku tal-petrol ma kellu l-ebda tikketta bid-denominazzjoni "sett ta' ġenerazzjoni ta' qawwa baxxa". Ġew imwaħħla bil-kolla pjanċi tad-data li huma faċli biex jitneħħew. L-isem tal-kumpanija u l-indirizz sħiħ tal-manifattur kienu neqsin.

⁽¹⁾ ĠUL 157, 9.6.2006, p. 24.

- (5) Il-Kummissjoni stiednet lil Fringo GmbH&Co.KG u lil Zhejiang Lingben Machinery and Electronics Co. Ltd biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżura meħuda mill-Ġermanja. Ma waslet l-ebda tweġiba.
- (6) Eżami tal-evidenza mogħtija mill-awtoritajiet Ġermaniżi jikkonferma li l-ġeneratur tal-elettriku tal-petrol immanifatturat minn Zhejiang Lingben Machinery and Electronics Co. Ltd u ddistribwit minn Fringo GmbH&Co.KG, Kurfürstendamm 96, 10709 Berlin, jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2006/42/KE u li dan in-nuqqas ta' konformità jwassal għal riskju serju ta' korrimment għal min jużahom. Għalhekk, huwa xieraq li l-miżura meħuda mill-Ġermanja titqies bħala ġustifikata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżura meħuda mill-awtoritajiet Ġermaniżi li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' installazzjoni ta' ġeneratur tal-elettriku tat-tip Rotenbach FO-65/LB2600 immanifatturat minn Zhejiang Lingben Machinery and Electronics Co. Ltd, iċ-Ċina u ddistribbit minn Fringo GmbH&Co.KG, Kurfürstendamm 96, 10709 Berlin, hija ġġustifikata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni
Elżbieta BIEŃKOWSKA
Membru tal-Kummissjoni
